**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 27 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 40/01 AJD*

Raymond Huber

vs

Carmel Agius

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Jannar, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm220.50) dovuti in linea ta' danni kkagunat mill-konvenut fl-incident li sehh fit-3 ta' Jannar, 2001, gewwa Vjal ir-Rihan, San Gwann, bekn il-vettura tar-Refuse Disposal numru ta' registrazzjoni KIP 071 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru ta' registrazzjoni IBB 442 misjuqa mill-attur, ghall-liema incident il-konvenut qed jinzamm unikament responsabbli minhabba negligenza, imperizja u traskuragni da parti tal-istess konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi Lm6.00 tal-ittra legali datata 9 ta' Jannar, 2001, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa:-

1. Illi l-allegazzjonijiet ta' l-attur huma nfondati kemm bhala fatt u kemm fid-dritt stante li ma kienx il-konvenut illi kkaguna l-incident in kwistjoni.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont ghadu dovut, Joan Collins, WPS 134, Nicholette Leotta, PS 500 John Giusti, tal-konvenut Carmel Agius, ta' Raymond Schembri u Henry Schembri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

1. Illi l-attur xehed li fit-3 ta' Jannar, 2001, kellu l-vettura tieghi bin-numru tar-registrazzjoni IBB 442 parkeggjata fi Triq ir-Rihan, San Gwann. F'hin minnhom dahlet fil-hanut tieghu certu Joan Collins li qaltlu li trukk bin-numru tar-registrazzjoni KIP 071 li kien trukk li jigbor l-iskart, laqat il-vettura tieghu hawn fuq imsemmija u baqa' sejjer. L-attur hareg jigri mill-hanut u sab li l-vettura tieghu kellha daqqa fuq in-naha tax-xellug ta' quddiem u precizament fuq il-'mudguard' u l-'bumper'. Huwa ra t-trukk bin-numru tar-registrazzjoni KIP 071 xi tletin metru l-boghod mill-vettura tieghu, prova jsegwih izda ma lahqux. Huwa ghalhekk mar l-Ghassa ta' San Giljan jaghmel rapport.

2. Joan Collins qalet li kienet fil-bieb ta' hanut fi Triq Rihan, San Gwann, u kien hemm vetturi pparkjati faccata. Hija rat it-trukk bin-numru tar-registrazzjoni KIP 071 jirriversja u jahbat ma' Daewoo Racer li kienet parkeggjata. It-trukk baqa' sejjer. Hija dahlet fil-hanut tal-attur u nfurmatu bl-akkadut. Din ix-xhud ikkonfermat li d-daqqa fil-vettura tal-attur kienet fuq quddiem.

3. WPS 134 Nicholette Leotta, ikkonfermat li l-attur kien ghamel rapport li xi hadd kien laqat il-vettura tieghu li kienet parkeggjata fi Triq Rihan, San Gwann, u li xi nies kienu tawh numru ta' registrrazzjoni KIP 071. PC 292 baghat ghal sid it-trukk, certu Carmel Agius, sabiex jezamina t-trukk u jivverifika jekk l-istess trukk kienx fih hsara li setghet tkun kompatibbli ma' dak li jkun inghad fir-rapport in kwistjoni.

4. PS 500 ezamina t-trukk in kwistjoni u huwa ma sabx hsara fl-imsemmi trukk izda dan qal ukoll li t-trukk in kwistjoni kien trukk kbir u ma kienx f'kundizzjoni tajba. Dan ix-xhud qal ukoll li l-konvenut ammetta li kien ghadda mill-post tal-incident izda li sa fejn jaf hu ma kien laqat ebda vettura parkeggjata.

5. Il-konvenut Carmel Agius fi-xhieda tieghu tat-12 ta' Gunju, 2001, qal li huwa ma laqat ebda vettura parkeggjata kif qed jallega l-attur. Iz-zewg xhieda prodotti mill-konvenut, Raymond Schembri u Henry Schembri, wkoll ikkonfermaw li l-konvenut ma kien laqat ebda vettura parkeggjata. Dawn iz-zewg xhieda jahdmu fix-'showrrom' minn fejn il-konvenut kien se jghabbi xi affarijiet u ghalhekk huma kienu barra fit-triq qed jistennew l-iscamel jasal sabiex jghinuh jghabbi u rawh sejjer.

6. Illi t-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet opposti ta' dak li gara fit-3 ta' Jannar, 2001. Inoltre, il-partijiet it-tnejn producew xhieda li kkoroboraw

il-verzjoni taghhom kif spjegat hawn fuq. Inoltre, il-verzjoni tal-konvenut li huwa ma laqat ebda vettura parkeggjata hija korroborata mix-xhieda ta' PS 500 li qal li t-trukk tal-konvenut ma kellux hsara. It-Tribunal ghalhekk irid jiddeciedi liema verzjoni hija l-aktar kredibbli.

7. Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni tal-attur hija aktar kredibbli u dan ghal zewg ragunijiet. (1) Ix-xhud provduta mill-attur, u cioe' Joan Collins, hija totalment estranea ghall-kaz u ma ghandha ebda raguni li tghid li rat l-iscamel jolqot lill-vettura tal-attur jekk dan ma kienx minnu. Ix-xhieda prodotti mill-konvenut min-naha l-ohra huma nies li sa certu punt jahdmu mal-konvenut jew tal-anqas ghandhom relazzjonijiet ta' xoghol. It-Tribunal isibha difficli biex jemmen li dawn iz-zewg xhieda kienu fit-triq u raw l-iscamel jasal. (2) Huwa minnu li PS 500 ma rriskontrax hsara fit-trukk tal-konvenut izda dan ix-xhud qal ukoll li kien trukk kbir u f'kundizzjoni hazina. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-impatt kien wiehed zghir u dan ghaliex il-hsara fil-vettura tal-attur hija zghira, u ghalhekk huwa verosimili li t-trukk ma garrabx hsara.

8. Illi l-attur ipproduca l-ircevuti (Dok. RH1 sa Dok. RH3) sabiex jissostanza t-talba tieghu ghad-danni u l-quantum tad-danni ma giex kontestat mill-kontroparti.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kawzati fil-vettura tal-attur fit-3 ta' Jannar, 2001, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm220.50) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopporatti interament mill-konvenut skond il-ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR